

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Talbiet Żgħar](#) > [England and Wales](#)

Talbiet żgħar

L-Ingilterra u Wales

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Hemm limitu monetarju ta' £10 000 li taħtu hija disponibbli l-proċedura għal talbiet żgħar. Madankollu, is-somma tat-tilwima mhijiex l-uniku fattur li jittieħed inkunsiderazzjoni. Kunsiderazzjonijiet oħra jinkludu t-tip ta' talba u l-ammont u t-tip ta' preparazzjoni meħtieġa biex il-kawża tiġi ttrattata b'mod ġust. F'xi ċirkustanzi, kawżi sempliċi b'valur akbar minn £10000 jistgħu jinstemgħu skont il-proċedura għal talbiet żgħar sakemm kemm l-attur kif ukoll il-konvenut jagħtu l-kunsens tagħhom għaliha.

Minbarra li jikkunsidra l-fehmiet tal-attur u tal-konvenut, l-imħallef iqis il-fatturi li ġejjin meta jiddeċiedi jekk jallokax il-każ għall-proċedura għal talbiet żgħar (magħrufa bħala l-"perkors għal talbiet żgħar") jew jekk għandux jisma' l-kawża taħt il-proċedura tal-qorti ordinarja minflok:

- L-ammont tat-tilwima - li normalment jenħtieġ li ma jkunx ta' aktar minn £10000.
- It-tip ta' talba - dawn normalment ikunu talbiet minn konsumaturi (eż. beni mibjugħa, beni difettużi jew xogħol tas-sengħa difettuż), talbiet dwar inċidenti, tilwim dwar is-sjeda tal-beni, u tilwim bejn is-sidien u l-inkwilini dwar tiswijiet, depożiti, arretrati tal-kera, u l-bqija, iżda mhux dwar il-pussess.

Meta jiddeċiedi jekk il-kawża jenħtieġx li tiġi allokata għall-perkors għal talbiet żgħar, l-imħallef jikkunsidra l-ammont u t-tip ta' tnejn meħtieġa sabiex il-kawża tkun tista' tiġi ttrattata kif suppost. L-imħallef iżomm f'moħħu li din il-proċedura hija maħsuba li tkun sempliċi biżżejjed biex in-nies imexxu l-kawżi tagħhom mingħajr l-għajnuna ta' avukat, jekk ikunu jixtiequ. It-talba għandha teħtieġ biss tnejn minima għas-seduta finali, pereżempju. Kawżi fil-perkors għal talbiet żgħar normalment ma jinvolvu x ħafa xhieda jew punti ta' dritt diffiċli.

Jekk it-talba tkun għal anqas minn £10000 iżda tinkludi talba għal korriment personali, jew għal ħsarat f'abitazzjonijiet residenzjali u għad-danni li jirriżultaw mill-ħsarat, il-kawża ma tiġix allokata għall-perkors għal talbiet żgħar sakemm l-ammonti mitluba fir-rigward tad-dannu personali, tal-ħsarat u tad-danni ma jkunux aktar minn £1000 kull waħda.

Fejn kawżi għal aktar minn £10000 jinstemgħu fil-perkors għal talbiet żgħar, japplikaw regoli differenti dwar l-ispejjeż. F'kawżi bħal dawn, il-parti rebbieħa tkun tista' titlob l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-avukat, mingħand il-parti telliefa. Madankollu, dawn l-ispejjeż ma jistgħux ikunu aktar milli kienu jingħataw li kieku l-kawża kienet ittrattata bil-perkors rapidu. Aktar 'il quddiem se tingħata aktar informazzjoni dwar l-ispejjeż. Aktar tagħrif dwar it-tipi differenti ta' perkorsi huwa disponibbli fil-paġna [Kif tiproċedi \(How to proceed\)](#).

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-kawżi sa £ 10 000 jinstemgħu permezz tal-perkors għal talbiet żgħar, dan mhuwiex awtomatiku. L-imħallef jikkunsidra l-fehmiet tal-partijiet litiganti meta jiddeċiedi dwar il-proċedura li permezz tagħha tinstema' l-kawża. Anke jekk l-ammont tat-tilwima jkun ta' anqas minn £10000, l-imħallef jista' jagħżel li jisma' l-kawża permezz tal-proċedura tal-qorti ordinarja minflok il-proċedura għal talbiet żgħar.

Meta talba tiġi kkontestata (jew difiża) tintbagħat kopja tar-risposta tal-konvenut lill-attur u jekk dan ikun litigant fiżiku, kopja tal-Formola 180 tal-Kwestjonarju dwar il-Gwida (Directions Questionnaire). L-informazzjoni li l-partijiet jipprovdu fil-kwestjonarji tgħin lill-imħallef jiddeċiedi liema jkun l-aktar perkors xieraq għall-kawża. Jekk l-attur iqis li l-kawża hija waħda li jenħtieġ li tiġi ttrattata bħala talba żgħira fil-perkors għal talbiet żgħar, huwa għandu jindika dan fil-kwestjonarju. Madankollu, anki jekk l-opinjoni jiet tal-attur u tal-konvenut jiġu kkunsidrati, huwa l-imħallef li jiddeċiedi għal liema perkors se tiġi allokata l-kawża.

Kif deskritt aktar 'il fuq, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jisma' kawża b'valur ta' anqas minn £10000 skont il-proċedura ordinarja. Din id-deċiżjoni tittieħed fil-bidu tal-kawża.

L-imħallef għandu d-diskrezzjoni li jerġa' jalloka l-kawża mill-perkors għal talbiet żgħar għall-proċedura ordinarja jekk jaħseb li dan ikun xieraq. Meta talba tiġi allokata għall-perkors ta' talbiet żgħar u, wara, terġa' tiġi allokata għal perkors ieħor, ir-regoli relatati mal-ispejjeż fil-perkors għal talbiet żgħar ma jibqgħux japplikaw wara li t-talba terġa' tiġi allokata. Ir-regoli dwar l-ispejjeż f'perkors rapidu jew f'diversi perkorsi japplikaw mid-data tal-allokazzjoni mill-ġdid.

1.3 Formoli

Hemm formoli speċifiċi li għandhom jintużaw fil-proċedura għal talbiet żgħar u huwa obbligatorju li dawn jintużaw.

Sabiex jippreżenta talba, l-attur għandu jimla [l-Formola N1](#) li hija disponibbli b'noti dwar il-mili. Ladarba l-attur jimla l-formola, jenħtieġ li jagħmel kopja waħda għalih stess, waħda għall-qorti u waħda għal kull konvenut. Il-qorti tibgħat kopja lil kull konvenut. Aktar informazzjoni hija disponibbli fil-paġna [Kif tipproċedi \("How to proceed"\)](#).

Kif imsemmi qabel, jekk it-talba tkun difiża l-qorti tibgħat kopja tar-risposta lill-attur u kopja tal-formola N180 lill-litiganti fiżiċi <http://formfinder.hmctsformfinder.justice.gov.uk/n180-eng.pdf> lill-attur u lill-konvenut(i).

Jekk l-imħallef jiddeċiedi li jalloka l-każ għall-perkors għal talbiet żgħar, il-qorti tibgħat lill-partijiet il-formola N157 (avviż ta' allokkazzjoni għall-qorti għal talbiet żgħar) li ttiprovdi informazzjoni dwar meta ser issir is-seduta u x'passi għandhom jittieħdu bi tnejn.

Meta s-somma tat-tilwima tkun akbar minn £10 000 iżda ż-żewġ partijiet ikunu qablu li l-kawża tinstema' permezz tal-proċedura għal talbiet żgħar, il-qorti tibgħat il-Formola N160 (avviż ta' allokkazzjoni għall-perkors għal talbiet żgħar (bil-kunsens tal-partijiet)). Din ttiprovdi wkoll informazzjoni dwar meta ser issir is-seduta u x'passi għandhom jittieħdu bi tnejn.

Meta mħallef jiddeċiedi li talba tista' tinstema' biss permezz ta' xhieda bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' seduta, il-qorti tibgħat lill-partijiet il-formola N159 (avviż ta' allokkazzjoni għall-perkors għal talbiet żgħar (l-ebda seduta)). Din tiddikjara data sa meta l-attur jew il-konvenut irid jgħarraf lill-qorti jekk huwa joġġezzjonax għal deċiżjoni permezz ta' xhieda bil-miktub biss. Jekk xi waħda mill-partijiet toġġezzjona, it-talba tiġi ttrattata f'seduta. L-imħallef jista' jittratta nuqqas ta' risposta bħala kunsens.

Meta parti tiflew seduta iżda l-ebda parti ma tkun preżenti jew irrappreżentata f'dik is-seduta [il-Formola N244 \(avviż ta' rikors\)](#) tintuża biex is-sentenza tiġi annullata.

1.4 Assistenza

Il-proċedura għal talbiet żgħar hija mfassla sabiex tkun sempliċi b'tali mod li l-persuni li jirrappreżentaw lilhom infushom (magħrufa bħala "litigants-in-person") ikunu jistgħu jifhemu l-proċedimenti faċilment. Fejn ir-rikorrent jew il-konvenut ikun jirrappreżenta lilu nnifsu, l-imħallef jikkunsidra dan il-fatt u jmexxi l-proċedimenti b'mod li jippermetti lill-persuna li tirrappreżenta lilha nnifisha tifhem dak li jkun għaddej u dak li jkun meħtieġ mill-partijiet mill-aspett ta' proċedura.

Jekk l-attur jew il-konvenut jagħżel li ma jqabbadx avukat, huwa jista' jkun akkumpanjat fis-seduta minn xi ħadd li jista' jikkonferma f'ismu. Din il-persuna tissejjaħ rappreżentant mhux espert ("lay representative") u tista' tkun kwalunkwe persuna li jagħżel il-litigant, bħal konjuġi, qarib, ħabib jew ħaddiem li jagħti pariri. Jekk ikun possibbli, ir-rappreżentant mhux espert m'għandux ikun xhud. Ir-rappreżentant mhux espert ma jistax jattendi għas-

seduta tal-qorti mingħajr il-persuna li huwa jirrappreżenta, sakemm il-litigant ma jkunx kiseb il-permess tal-qorti sabiex ir-rappreżentant mhux espert ikun jista' jirrappreżenta lil-litigant fl-assenza tiegħu.

L-aġenziji ta' konsulenza jistgħu jsibu diffikultajiet sabiex jirrilaxxaw persunal bl-għan li jaġixxi bħala rappreżentanti mhux esperti f'seduti u, għalhekk, huwa rakkomandat li parti tikkuntattjahom mill-aktar fis jekk tkun teħtieġ l-assistenza tagħhom. L-aġenziji ta' konsulenza jinformat lill-partijiet dwar jekk jistgħux jipprovdu l-assistenza. Xi rappreżentanti mhux esperti jaf ikunu jridu h̄las u l-litigant irid jara li jkun jaf eżattament kemm dan ser jiswa. L-imħallef jista' jkeċċi lil rappreżentant mhux espert mis-seduta jekk iġib ruħu ħażin.

Il-litigant ikun responsabbli sabiex iħallas it-tariffa tar-rappreżentant mhux espert li jaħtar, anke jekk jirbaħ il-kawża. Għalhekk, jenħtieġ li jikkunsidra jekk l-ammont tat-talba jiġġustifikax din l-ispiża. Barra minn hekk, rappreżentanti mhux esperti li jitolbu h̄las għall-għajjnuna jaf ma jkunux parti minn organizzazzjoni professjonali, u jekk il-litigant ma jkunx sodisfatt bl-għajjnuna tagħhom, ma jkun hemm l-ebda korp regolatorju jew organizzazzjoni ma' min jilmenta.

[Uffiċċju ta' Konsulenza għaċ-Ċittadini \(Citizens' Advice Bureau\)](#) jew ċentri ta' pariri għall-konsumaturi jistgħu wkoll jipprovdu għajjnuna lil-litiganti.

L-Internet jista' jintuża biex tinħareġ it-talba permezz ta' [.Money Claim Online](#). Money Claim Online hija appoġġjata minn help desk, jekk tkun meħtieġa assistenza addizzjonali.

Assistenza addizzjonali hija disponibbli għal-litiganti b'diżabilità. Jekk litigant ikollu diżabilità li tagħmilha diffiċli li jmur il-qorti jew jikkomunika, dan għandu jikkuntattja lill-qorti kkonċernata li tista' ttiprovdi assistenza ulterjuri.

1.5 Regoli dwar is-smiġħ tal-provi

Il-perkors għal talbiet żgħar huwa ħafna aktar informali u ma japplikawx ir-regoli stretti tal-evidenza. Il-perkors għal talbiet żgħar jittratta kawżi aktar sempliċi għal ammonti iżgħar. Għaldaqstant, il-qorti tista' tadotta kwalunkwe metodu ta' proċediment f'seduta li hija tqis li jkun ġust. Il-qorti m'għandhiex l-obbligu li tiegħu xhieda bil-ġurament u l-imħallef jista' jagħżel li jillimita l-kontroeżami jekk jidhirlu li dan ikun xieraq. Madankollu, l-imħallef huwa meħtieġ jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu li jillimita l-kontroeżami. L-imħallef jista' jagħżel li jagħmel mistoqsijiet lil kwalunkwe xhud jew lix-xhieda kollha qabel ma jħalli lil kwalunkwe persuna oħra tagħmel dan.

1.6 Proċedura bil-miktub

Jekk l-imħallef iqis li t-talba tista' tiġi ttrattata mingħajr seduta billi tintuża xhieda bil-miktub biss, il-qorti tinnotifika lil-litiganti permezz tal-formola N159 (ara aktar 'il fuq). In-notifika tiddikjara data sa meta l-attur jew il-konvenut irid jgħarraf lill-qorti jekk huwa joġġezzjonax għal deċiżjoni dwar xhieda bil-miktub biss. Jekk xi waħda mill-partijiet toġġezzjona, it-talba tiġi ttrattata f'seduta. L-imħallef jista' jittratta nuqqas ta' risposta bħala kunsens. Jekk l-ebda parti ma toġġezzjona għad-deċiżjoni tal-imħallef li ma ssir l-ebda seduta, il-kawża tista' tiġi ttrattata bil-miktub biss.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Fl-Ingilterra u Wales is-sentenzi tal-qorti ġeneralment jirreġistraw biss id-deċiżjoni tal-imħallef u kwalunkwe ordni maħruġa għall-partijiet. Madankollu, l-imħallef huwa meħtieġ iniżżel nota tar-raġunijiet ewlenin għas-sentenza tiegħu sakemm din ma tingħatax verbalment u ma tiġix irreġistrata fuq tejp mill-qorti. L-imħallef jista' jagħti r-raġunijiet tiegħu bl-aktar mod konċiż u sempliċi li tippermetti n-natura tal-kawża. Normalment huwa jagħmel dan verbalment waqt is-seduta iżda jista' jagħtihom aktar tard bil-miktub jew waqt seduta li tkun stabbilita sabiex jagħmel dan. Meta l-imħallef jiddeċiedi l-kawża mingħajr seduta, huwa jkun meħtieġ iħejji nota dwar ir-raġunijiet tiegħu u l-qorti tibgħat kopja lil kull parti.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Hemm restrizzjonijiet fuq ir-rimborż tal-ispejjeż. Bħalissa l-parti rebbieħa jaf tkun tista' titlob rimborż għall-ispejjeż li ġejjin:

- Kwalunkwe tariffa tal-qorti li tkun ħallset;
- Ammont ta' mhux aktar minn £260 għal pariri legali jekk it-talba tkun tinkludi rikors għal rimedju

b'mandat ta' inibizzjoni (ordni biex persuna titwaqqaf milli tagħmel xi ħaġa), jew ordni għal eżekuzzjoni speċifika (ordni biex xi ħadd ikun imġiegħed jagħmel xi ħaġa, pereżempju, biex sid jagħmel tiswijiet) u, minbarra dawn il-kategoriji, ma tista' tiġi rkuprata l-ebda spiża legali;

- Ammont ta' mhux aktar minn £95 għal kull jum għall-parti rebbieħa, u għal kull xhud li jista' jkollu għal telf ta' qligħ minħabba l-attenzenza għas-seduta tal-qorti;
- Spejjeż raġonevoli sabiex ikunu koperti vjaġġi addizzjonali u soġġorni mal-lejl għall-parti jew għax-xhieda;
- Jekk l-imħallef ikun ta' permess għall-użu ta' xhud espert u din il-parti sussegwentement tirbaħ il-kawża tagħha, l-imħallef jista' jgħid lill-parti telliefa tħallas xi ħaġa mill-ispiża. Madankollu, l-imħallef ma jistax jippermetti aktar minn £750 għal kull xhud espert. Dan ma jistax ikopri l-ammont sħiħ tat-tariffi tal-espert, speċjalment jekk l-espert jikteb perizja u jattendi s-seduta tal-qorti;
- L-imħallef jista' jordna l-ħlas ta' spejjeż oħrajn minn parti li tkun gābet ruħha b'mod mhux raġonevoli;
- Meta l-valur finanzjarju tat-talba jaqbeż il-limitu għall-perkors għal talbiet żgħar, iżda t-talba tkun ġiet allokata għall-perkors għal talbiet żgħar mill-imħallef, l-ispejjeż jiġu vvalutati skont dan il-perkors, sakemm il-partijiet ma jaqblux li jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż tal-perkors rapidu.

Aktar informazzjoni tista' tinstab fuq is-sit web tal-[Ministeru tal-Ġustizzja \(Ministry of Justice\)](#).

1.9 Il-possibilità ta' appell

Jekk il-parti telliefa tkun tixtieq tappella kontra d-deċiżjoni tal-imħallef, din ikollha bżonn permess biex tagħmel dan. Jekk dik il-parti/litigant jattendu għas-seduta li fiha tittieħed id-deċiżjoni, fl-aħħar tas-seduta jistgħu jitolbu permess lill-imħallef.

Litigant li jixtieq jappella jrid ikollu motivi (jew raġunijiet) xierqa biex jappella. Ma jistax sempliċiment joġġezzjona għad-deċiżjoni ta' mħallef għax jaħseb li tkun ittieħdet deċiżjoni żbaljata.

Jekk il-litigant ikun irid jappella, irid jaġixxi malajr. Iż-żmien li fih il-litigant li jappella irid jippreżenta l-appell tiegħu huwa limitat.

Jekk il-parti telliefa la kienet preżenti u lanqas irrappreżentata fis-seduta, din tista' ttippreżenta rikors sabiex is-sentenza mogħtija f'dik is-seduta tiġi annullata u t-talba terġa' tinstema' mill-ġdid.

Din il-parti trid tressaq rikors sa mhux aktar tard minn 14-il jum wara li tirċievi s-sentenza. Hija għandha titlob lill-qorti għal [Formola N244 \(avviż ta' rikors\)](#) sabiex ttippreżenta r-rikors.

Il-qorti tgħarraf lill-partijiet meta jridu jiġu l-qorti għas-seduta tar-rikors quddiem imħallef.

L-imħallef jagħti l-annullament ta' sentenza biss jekk:

Il-litigant/parti kellhom raġuni tajba li għaliha

- ma attendewx jew ma kinux irrappreżentati fis-seduta; jew
- ma tawx avviż bil-miktub lill-qorti;

u l-parti għandha prospett raġonevoli li tirbaħ il-kawża f'seduta ġdida.

Jekk ir-rikors tal-parti jkollu suċċess u s-sentenza tiġi annullata, il-qorti tistabbilixxi seduta ġdida għat-talba. F'każ ta' talba sempliċi, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jittratta l-kawża minnufih wara s-smiġħ tar-rikors.

Links relatati

[Il-Ministeru tal-Ġustizzja \(Ministry of Justice\)](#)

[Indirizzi tal-Qrati \(Court addresses\)](#)

[Medjazzjoni f'tilwim dwar talbiet żgħar](#)

L-aħħar aġġornament: 07/12/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-

servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.